# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Jannar 2009

## dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-ħlas tal-Estonja, l-Olanda u l-Portugall li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2007

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 414)*

**(It-testi bl-Estonjan, l-Olandiż u l-Portugiż biss huma awtentiċi)**

(2009/87/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 32 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/396/KE [2] approvat, għas-sena finanzjarja 2007, il-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas kollha ħlief l-aġenzija tal-ħlas tal-Estonja "PRIA", l-aġenzija tal-ħlas Griega "OPEKEPE", l-aġenzija tal-ħlas Finlandiża "MAVI", l-aġenzija tal-ħlas Taljana "ARBEA", l-aġenzija tal-ħlas Maltija "MRAE", l-aġenzija tal-ħlas Olandiża "Dienst Regelingen" u l-aġenziji tal-ħlas Portugiżi "IFADAP", "INGA" u "IFAP".

(2) Wara t-trasmissjoni ta' tagħrif ġdid u wara verifiki addizzjonali, il-Kummissjoni issa tinsab fil-qagħda li tieħu deċiżjoni dwar l-integralità, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet sottomessi mill-aġenzija ta' ħlas Estonjana "PRIA", l-aġenzija tal-ħlas Olandiża "Dienst Regelingen" u l-aġenzija tal-ħlas Portugiża "INGA".

(3) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR [3] jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand, jew imħallsa lil, kull Stat Membru, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament imsemmi, għandhom jiġu stabbiliti billi jitnaqqas is-self imħallas matul is-sena finanzjarja konċernata, jiġifieri l-2007, mill-infiq rikonoxxut għal dik is-sena skont il-paragrafu 1. Dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu minn, jew jiżdiedu mas-self skont in-nefqa mit-tieni xahar wara dak li fih tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet.

(4) Skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet għandu jagħmel tajjeb għalihom l-Istat Membru konċernat u 50 % jitħallsu mill-baġit Komunitarju, jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni primarja amministrattiva jew ġudizzjarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) tar-Regolament imsemmi jobbliga lill-Istati Membri biex jissottomettu lill-Kummissjoni, rapport fil-qosor dwar il-proċeduri tal-irkupru meħuda b'reazzjoni għall-irregolaritajiet, flimkien mal-kontijiet annwali. Ir-regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jħejju rapport dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 885/2006. L-Anness III tar-Regolament imsemmi jipprovdi t-tabelli mudelli 1 u 2 li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri fl-2008. Fuq il-bażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq il-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' snin jew minn tmien snin, rispettivament. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(5) Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jieħdux passi għall-irkupru. Deċiżjoni bħal din tista' tittieħed biss jekk l-ispejjeż li saru diġà u dawk li aktarx isiru flimkien jaqbżu l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk l-irkupru jirriżulta impossibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[2] ĠU L 139, 29.5.2008, p. 33.
[3] ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 162.

għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas tal-irkupru għandhom jiġġarrbu mill-baġit Komunitarju. Ir-rapport fil-qosor imsemmi fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 juri l-ammonti li għalihom l-Istat Membru ddeċieda li ma jieħux passi għall-irkupru u fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni. Dawn l-ammonti ma għandhomx ikunu ddebitati lill-Istati Membri konċernati u għalhekk għandhom jitħallsu mill-baġit Komunitarju. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal deċizjonijiet ta' konformità fil-ġejjieni skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament imsemmi.

(6) Hija u tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-ħlas ikkonċernati, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammonti li diġà huma miżmuma mill-Istati Membri konċernati abbażi tad-Deċiżjoni 2008/396/KE.

(7) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nfiq li ma jiġix effettwat skont ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'dan huma approvati l-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas Estonjana "PRIA", l-aġenzija tal-ħlas Olandiża "Dienst Regelingen" u l-aġenzija tal-ħlas Portugiża "INGA" li jikkonċernaw l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), għas-sena finanzjarja 2007.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lil, kull Stat Membru konċernat skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Renju tal-Olanda u lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TAL-AĠENZIJI TAL-ĦLAS

## SENA FINANZJARJA 2007

AMMONT LI SE JKUN IRKUPRAT MILL-, JEW IMĦALLAS LILL-, ISTAT MEMBRU

| MS | | 2007 - Infiq / Dħul Assenjat lill-Aġenziji tal-Ħlas li l-kontijiet tagħhom | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Reg. 1290/2005 | Total inkluż tnaqqis u sospensjonijiet | Ħlasijiet lil Stat Membru għas-sena finanzjarja (2) | Ammont li se jkun irkuprat mill- (–) jew imħallas lill- (+) Istat Membru | Ammont irkuprat minn (–) jew imħallas lil (+) Stat Membru skont id-Deċiżjoni 2008/396/KE | Ammont li se jkun irkuprat mill- (-) jew imħallas lill- (+) Istat Membru skont din id-Deċiżjoni (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | huma approvati | mhumiex approvati | | | | | | | | |
| | | = infiq / dħul assenjat iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali | = total tal-infiq / dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar | | | | | | | | |
| | | a = xxxxx – A (col.i) | b = xxxxx – A (col.h) | ċ = a + b | d = xxxxx – C1 (col. e) | e = xxxxx – ART32 | f = ċ + d + e | g | h = f – g | i | j = h – i |
| EE | EEK | 48 756 155,26 | 0,00 | 48 756 155,26 | 0,00 | 0,00 | 48 756 155,26 | 43 218 699,70 | 5 537 455,56 | 0,00 | 5 537 455,56 |
| EE | EUR | 35 127 040,45 | 0,00 | 35 127 040,45 | 0,00 | 0,00 | 35 127 040,45 | 35 126 777,91 | 262,54 | 0,00 | 262,54 |
| NL | EUR | 1 013 075 985,35 | 0,00 | 1 013 075 985,35 | – 197 851,62 | – 99 891,82 | 1 012 778 241,91 | 1 014 343 940,20 | – 1 565 698,29 | 0,00 | – 1 565 698,29 |
| PT | EUR | 528 151 439,51 | 189 388 757,34 | 717 540 196,85 | – 35 399,52 | 0,00 | 717 504 797,33 | 717 209 444,82 | 295 352,51 | 0,00 | 295 352,51 |

| MS | | nfiq (4) | Dħul assenjat (4) | Fond taz-zokkor | | L-Artikolu 32 (= e) | Total (= j) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Infiq (5) | Dħul assenjat (5) | | |
| | | 05 07 01 06 | 6701 | 05 02 16 02 | 6803 | 6702 | |
| | | k | l | m | n | o | p = k + l + m + n + o |
| EE | EEK | 5 537 455,56 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 5 537 455,56 |
| EE | EUR | 262,54 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 262,54 |
| NL | EUR | 163 611,00 | – 1 629 417,47 | 0,00 | 0,00 | – 99 891,82 | – 1 565 698,29 |
| PT | EUR | 295 352,51 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 295 352,51 |

(1) Rigward NL, tnaqqis magħmul għal "tnaqqis ieħor" (– 1 338,54 EUR) diġà kien irreġistrat mill-Istat Membru fil-kontijiet. It-tnaqqis u s-sospensjonijiet huma dawk li tqiesu fis-sistema tal-ħlas, li magħhom jiżdiedu partikolarment il-korrezzjonijiet għal meta ma ġewx irrispettati d-dati ta' skadenza tal-ħlasijiet stabbiliti f'Awwissu, Settembru u Ottubru 2007.

(2) Il-ħlasijiet li saru f'EUR huma maqsuma skont il-munita tad-dikjarazzjonijiet. Fil-każ tal-EE l-infiq totali nqasam f'partijiet bl-EUR u bil-munita nazzjonali (l-Art. 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006).

(3) Għall-kalkolu tal-ammont li se jkun irkuprat mill-, jew imħallas lill-Istat Membru, l-ammont li tqis huwa t-total tad-dikjarazzjoni annwali għall-infiq approvat (il-kolonna a), jew it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għall-infiq mhux approvat (il-kolonna b). Ir-rata tal-kambju applikabbli: L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

(4) Jekk il-parti tad-dħul assenjat għandha tkun vantaġġuża għall-Istat Membru, għandha tiġi ddikjarata taħt 05 07 01 06.

(5) Jekk il-parti tad-dħul assenjat tal-Fond taz-Zokkor għandha tkun vantaġġuża għall-Istat Membru, għandha tiġi ddikjarata taħt 05 02 16 02.

*Note:* Nomenklatura 2009 : 05 07 01 06, 05 02 16 02, 6701, 6702, 6803.